7 ta' Ottubru, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Avukat Dr. Albert Ganado ne. *versus* Antonio Friggieri

**Likwidazzjoni ta' Wirt — Diviżjoni — Krediti Ereditarji — Liberazzjoni "ab observantia" — Art. 541 u 948 tal-Kodiċi Ċivili**

*Il-krediti ereditarji, bħas-sustanzi l-oħra kollha, jidħlu fil-kompendju u fil-massa tal-wirt, u jinqasmu xorta waħda bħal dawk is-sustanzi. Għaldaqstant id-diviżjoni tagħhom "ipso jure" mhix ammissibbli; u għall-eżazzjoni tagħhom iridu jikkonkorru l-werrieta kollha.*

*Għaldaqstant, wieħed mill-eredi ma jistgħax jaġixxi waħdu biex jeżiġi sehemu minn kreditu li jifforma parti minn ereditá, sakemm ma tkunx saret qasma tas-sustanzi ereditarji l-oħra kollha barra mill-kreditu in kwistjoni, jew ma jkunx jista' jingħad li l-assi ereditarju ġa jinsab kollu likwidat.*

*Fil-każ li wieħed mill-eredi jaġixxi waħdu għall-eżazzjoni ta' sehem minn kreditu ereditarju kuntrarjament għal dak li hawn ingħad, id-debitur konvenut għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, u wara li ppremetta wkoll li l-konvenut irċieva bi żball indebitament minn għand il-kuraturi tal-interdett Lorenzo Sammut, il-lum mejjet, is-somma ta' £114.9.0 bħala alimenti tal-istess Lorenzo Sam-

mut; u li l-interdett Carmelo Sammut huwa werriet ta' Lorenzo Sammut fi kwarta parti mill-assi, u għalhekk lilu tmiss is-somma ta' £28.12.3 mill-ammont imsemmi ta' £114.9.0; u illi l-konvenut irrifjuta li jirrifondi l-flus li ħa indebitament, għaliex jippretendi li ma għandu jagħti xejn, billi rċieva l-flus in bwona fede; talab li l-konvenut jiġi minn din l-Onorabbli Qorti dikjarat li hu rċieva indebitament l-ammont ta' £114.9.0 fuq imsemmi, u li jiġi mill-istess Qorti kundannat iħallas lill-attur nomine s-somma ta' £28.12.3 bħala sehem li jmiss lil Carmelo Sammut mill-ammont ta' £114.9.0 fuq imsemmi. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-3 ta' Ottubru 1953 u tal-proċeduri tas-Sekond' Awla, u bl-interessi mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali msemmija kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, kif jidher mill-att taċ-ċitazzjoni, l-oġġett tal-kawża jikkonsisti fi kreditu tal-wirt ta' Lorenzo Sammut kontra l-konvenut, għar-ritużjoni u ħlas ta' flus li dan suppost irċieva bi żball indebitament minn għand il-kuraturi tal-istess Lorenzo Sammut, li kien interdett;

Illi mill-verbal a fol. 77 jidher li l-attur ma jistgħax jgħid jekk l-assi ereditarju tal-imsemmi Lorenzo Sammut jinsabx kollu likwidat, u għalhekk lanqas jista' jingħad illi ġa saret id-diviżjoni tas-sustanzi l-oħra tal-wirt barra mill-kreditu in kwistjoni;

Illi, "rebus sic stantibus", Carmelo Sammut wieħed biss mill-werrieta ta' Lorenzo Sammut, ma jistgħax jitlob il-kanonizzazzjoni tal-imsemmi kreditu ereditarju, u wisq anqas jista' jeżiġi ebda porzjon mill-istess kreditu;

Difatti, fil-likwidazzjoni tal-wirt l-imsemmi Carmelo Sammut jista' ma jmissu xejn minn dak il-kreditu, jew

imissu kwota inferjuri għal dik li l-lum qiegħed jippretendi. Il-krediti ereditarji, bħas-sustanzi l-oħra, jidħlu fil-kompendju u fil-massa tal-wirt, u jinqasmu xorta bħal dawk issustanzi (art. 541 u 948 Kod. Ċiv.); għalhekk id-diviżjoni "ipso jure" tal-krediti ereditarji mhijiex ammissibbli, u għall-eżazzjoni tagħhom iridu jikkonkorru l-werrieta kollha (ara f'dan is-sens P.A. 1.2.1957 in re "Hili vs. Cilia", u l-awtoritajiet hemm ċitati);

Illi konsegwenza oħra tal-prinċipju fuq enunċjat tirrigwarda l-mezzi ta' difiża tad-debitur; difatti, jekk il-kreditu jiġi assenjat lil werrieta legalment kapaċi, dawn ma jkunux jistgħu jinvokaw favur tagħhom il-privileġġ akkordat mill-liġi lill-inkapaċi (interdetti), speċjalment f'materja ta' preskrizzjoni (art. 2229(1) Kod. Ċiv.). Ma għandux jintnesa illi Lorenzo Sammut miet fis-6 ta' Ottubru 1949 (fol. 71 tergo), u l-ittra uffiċjali lill-konvenut saret (preżumibilment mill-attur biss) fit-3 ta' Ottubru 1953; del resto, anki kieku l-attur fid-diviżjoni kellu jmissu parti minn dan il-kreditu, dwar ir-rimanenti l-preskrizzjoni eċċepita mill-konvenut fil-konfront tal-eredi legalment kapaċi jkollha tiġi kunsidrata u trattata b'mod divers. Għalhekk, taħt iċ-ċirkustanzi, id-domandi tal-attur ma jistgħux jiġu eżaminati u kontestati adegwatament skond il-liġi;

Għal dawn il-motivi;

Tiddikjara li ma hemmx lok li tidħol fil-meritu tal-eċċepita preskrizzjoni;

U tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju;

Bl-ispejjeż kontra l-attur nomine.

---